

## TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2008 — N vs Il-Parlament**

**(Kawża F-71/08)**

(2008/C 272/98)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* N (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: E. Boigelot, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu bejn is-16 ta' Awwissu 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006.

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2007 li tikkonferma u tapprova b'mod definittiv ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu bejn is-16 ta' Awwissu 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006;

— tannulla dan ir-rapport ikkontestat;

— tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament, tat-22 ta' Mejju 2008, li tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-annullament tad-deċiżjoni ikkontestata;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2008 — Ketselidis vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-72/08)**

(2008/C 272/99)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Michalis Ketselidis (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda għat-talba ppreżentata mir-rikorrent dwar ir-reviżjoni tal-kalkolu tas-snin tas-servizz għal pensjoni li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni matul it-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għal pensjoni miksuba fil-Greċja lejn l-iskema Komunitarja.

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba dwar il-kalkolu tas-snin ta' servizz ta' pensjoni li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni matul it-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għal pensjoni lejn l-iskema Komunitarja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2008 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-73/08)**

(2008/C 272/100)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avvocato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament ta' diversi deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent għal kumpens ta' 100 % ta' xi spejjeż mediċi mġarrba u l-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas ta' somma fuq din il-bażi.

### Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tas-27 ta' Ġunju 2007 mibgħuta fit-28 ta' Ġunju 2007;

— jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tad-29 ta' Ġunju mibgħuta fl-istess data;